MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 1149/2003

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha George Ellul, abbazi tal-polza ta''assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess George Ellul – Britannia House, Old Bakery Street, Valletta.**

**Vs**

**Joseph Buhagiar**

**It-Tribunal,**

**Wara li ra t-talba attrici ghall-hlas ta' Lm393.67 (tliet mija u tlieta u disghin lira maltin u sebgha u sittin**

**centezmu) in linea ta' danni kongiunti f'incident tat-traffiku datat 10 ta' Dicembru, 2002.**

**Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri ufficjali datata 5 t'April, 2003 u dik prezentata kontestwalment u bl-interessi kontra l-konvenut ingiunt ghas-subizzjoni.**

**Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut fl-24 ta' Novembru, 2003 naqas u ma deherx meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjes u interessi kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------